C/2026/1839

23.3.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.12316 – IG4 GROUP / PETROBRAS / BRASKEM)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/1839)

1. Fil-11 ta' Marzu 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— IG4 Capital Partners Holding General Partner Ltd (flimkien mal-entitajiet ikkontrollati tagħha "IG4 Group", Jersey),

— Petróleo Brasileiro S.A. ("Petrobras", il-Brażil),

— Braskem S.A. ("Braskem", il-Brażil).

IG4 Capital Partners Holding General Partner Ltd, permezz ta' entitajiet affiljati ta' Shine Equity LP mogħtija parir minn IG4 Group, u Petrobras se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Braskem.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— IG4 Group huwa maniġer tal-investiment alternattiv iffukat fuq swieq emerġenti bi strateġija ċċentrata fuq ristrutturar finanzjarju u operazzjonali kumpless u sitwazzjonijiet speċjali.

— Petrobras hija kumpanija taż-żejt u tal-gass b'kapital imħallat li tippossjedi u topera 10 raffineriji fil-Brażil, l-aktar fix-Xlokk.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża Braskem huma dawn li ġejjin:

Braskem topera pjattaforma petrokimika integrata u globali li tkopri l-Kontinent Amerikan, l-Ewropa u l-Asja.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12316 — IG4 GROUP / PETROBRAS / BRASKEM

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË